**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar, 2019**

**Rikors nru: 130/18 AGV**

AC

Vs

BD li b'digriet tas-27 ta' April, 2018
l-kunjom "C" gie korrett ghall-kunjom "D"

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fis-7 ta' Marzu, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw iz-zwieg f'Malta fl-20 ta' April, 1991 u miz-zwieg taghhom kellhom erbat itfal E, F u G li llum huma maggorenni u H illi ghadha minorenni.
2. Illi l-imsemmija konjugi kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Casingena fl-24 ta' Jannar, 2007, dokument hawn anness u mmarkat Dok.A.
3. Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli bejn il-kontendenti u ma hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment bejniethom.

4. Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti b'dikjarazzjoni guramentata jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull provvediment iehor li joghgobha taghti:

1.Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna lir-Registratur sabiex fi zmien imholli javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan id-divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta tal-intimata li eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li l-esponenti mhijiex BC, izda hija BD u dan stante illi permezz ta' klawsola numru 15 tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet (diga' esebit in atti mir-rikorrent mar-rikors promotur) kienet ghazlet li tirriverti lura ghall-kunjom xbubitha u ghalhekk hemm lok li ssir korrezzjoni fl-okkju sabiex l-atti jkunu jirrispekkjaw il-fatti u d-dokumentazzjoni ufficjali kollha.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrileva li r-rikors promotur li giet notifikata bih mhumiex guramentat mir-rikorrent b'dan illi sal-gurnata tal-prezentata tal-istess risposta odjerna, l-esponenti ma giet notifikata b'ebda affidavit da parti tar-rikorrent u ghalhekk fid-dawl ta' dan tirriserva li tressaq eccezzjonijiet jew risposta ulterjuri.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti topponi ghat-talba tad-divorzju hekk kif dedotta da parti tar-rikorrent stante li r-rekwiziti ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta relatati mal-otteniment tad-divorzju mhuwiex soddisfatti. Dan qieghed jinghad specifikatament b'referenza ghas-subartikolu (c) tal-istess Artikolu 66B stante li r-rikorrent qatt

ma hallas l-gholi tal-hajja fuq il-manteniment tal-minuri I (li fir-rikors promotur hija msejha skorrettament bhala H) li hi minuri u tal-ulied l-ohra kif obbligat li jaghmel ai termini ta' klawsola numru 8 (c) tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom.

4. Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan, l-esponenti tirrileva illi t-talba tar-rikorrent ma tistax tigi milqugha.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tasal biex tilqa' tali talba, din l-istess Onorabbli Qorti ghandha taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni skond il-ligi, inkluz dawk ai termini tal-Artikoluu 66 I tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz illi, diment li huwa dovut manteniment lill-esponenti ghall-wild I minghand ir-rikorrent, tordna li l-hlas tal-manteniment mir-rikorrent jigi zgurat b'garanzija xierqa u ragjonevoli skond ic-cirkostanzi tal-partijiet, ghaliex ser jirrizulta, li l-intimat kien u ghadu inadempjenti fl-obbligu tieghu tal-hlas ta' manteniment skond it-termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, kif ukoll illi jezistu cirkostanzi oggettivi serji li juru htiega ta' tali garanzija.

Rat il-ftehim konguntiv datat 22 ta' Jannar, 2019 iffirmat bejn il-partijiet fejn gie ddikjarat li r-rikorrent hallas lill-intimata s-somma ta' €2,424.13 tramite Bank Draft numru 326926 a saldu ta' arretrati ta' manteniment, kif ukoll inkluz il-kalkolazzjoni tal-*cost of living on such arrears.* Il-partijiet ukoll qablu illi kwalsiasi obbligu ta' manteniment dovut ghall-minuri Mariah Jean mir-rikorrent mhux qed jigi rtirat.

Ikkonfermaw li ma kienux jezistu aktar pendenzi dwar il-manteniment u l-Qorti setghet tghaddi ghall-pronunzjament tad-divorzju.

Jiddikjara ukoll illi ma kien hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnu u bejn l-intimata.

Rat l-Artikolu 66 A, B u C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati *de facto* ghal aktar minn erba' snin u kienu ukoll isseparaw legalment skond kuntratt datat 24 ta' Jannar, 2007 fl-atti tan-Nutar Dr. Ruben Casingena.

Gie kkonfermat wara li thallsu l-arretrati skond il-ftehim esebit datat 22 ta' Jannar, 2019 li ma kienx hemm aktar pendenzi dwar il-hlas ta' manteniment.

Illi r-rikorrent pprova ukoll li ma kinitx tezisti cans ta' rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**